

— Ir-rikorrenti tinwoka barra minn hekk żball manifest ta' evalwazzjoni fil-kuntest tal-applikazzjoni tal-kriterji ta' promozzjoni msemmija fl-Artikolu 45 tar-Regolamenti tal-Persunal, moqri fid-dawl tal-Artikolu 7 tal-Karta.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq l-effett allegat tal-irregolarità fuq il-proċedura ta' promozzjoni kkontestata, fid-dawl tal-fajl tal-promozzjoni tar-rikorrenti u tar-REK tagħha. Din l-irregolarità wasslet allegatament għall-esklużjoni mill-promozzjoni li setgħet tkun mistennija li kieku twettaq paragun korrett tal-merti.

### Rikors ippreżentat fil-5 ta' Frar 2019 — AI vs ECDC

(Kawża T-65/19)

(2019/C 131/62)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrent: AI (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)

Konvenut: iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)

#### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-ECDC tat-18 ta' Mejju 2018 li tiċħad it-talba għal assistenza tar-rikorrent tal-20 ta' Ġunju 2017,
- tannulla d-deċiżjoni tal-ECDC tal-20 ta' Ġunju 2018 li tiċħad it-talba tar-rikorrent tat-30 ta' Mejju 2018 għal aċċess għar-rapport ta' inkjesta;
- tannulla, jekk ikun il-każ, id-deċiżjoni tal-ECDC tas-26 ta' Ottubru 2018 li tiċħad l-ilment tar-rikorrent tat-2 ta' Lulju 2018;
- tordna lill-ECDC tħallas kumpens finanzjarju evalwat, *ex aequo et bono*, fl-ammont ta' EUR 40 000, fir-rigward tad-dannu morali allegatament imġarrab mir-rikorrent.

#### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka tliet motivi fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata tat-18 ta' Mejju 2018 u motiv wieħed fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata tal-20 ta' Ġunju 2018.

1. L-ewwel motiv, fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata tat-18 ta' Mejju 2018, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal smiġh.
2. It-tieni motiv, fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata tat-18 ta' Mejju 2018, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni.

3. It-tielet motiv, fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata tat-18 ta' Mejju 2018, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u ta' fatti u fuq ksur tal-Artikolu 86 tar-Regolamenti tal-Persunal.
4. Motiv wieħed, fir-rigward tad-deċiżjoni kkontestata tal-20 ta' Ġunju 2018, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 45/2001. <sup>(1)</sup>

---

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102).

---

### Rikors ippreżentat fid-9 ta' Frar 2019 — Alcar Aktiebolag vs EUIPO — Alcar Holding (alcar.se)

(Kawża T-77/19)

(2019/C 131/63)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

Rikorrenti: Alcar Aktiebolag (Bromma, l-Isvezja) (rappreżentant: M. Ateva, avukat)

Konvenuti: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Alcar Holding GmbH (Wien, l-Awstrija)

#### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrenti quddiem il-Qorti Ġenerali

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea alcar.se f'kuluri abjad u blu — Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 508 583

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-14 ta' Novembru 2018 fil-Każ R 378/2018-1

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tissospendi l-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali sakemm jiġu konklużi l-proċedimenti ta' revoka kontra t-trade mark ta' Alcar Holding GmbH, u tkun għet iddeterminata l-portata reali tal-protezzjoni tat-trade mark ta' Alcar Holding GmbH;
- tannulla fit-totalità tagħha d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell;
- tikkonferma fit-totalità tagħha d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni;
- tikkundanna lill-Alcar Holding GmbH għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċeduri quddiem id-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni, quddiem il-Bord tal-Appell u quddiem il-Qorti Ġenerali.